**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2020**

**Rikors Numru : 71/2019/2 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**LSG**

**Vs**

**AS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' LSG, datat 22 ta' Lulju 2019, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet zzewgu fl-14 ta' Settembru, 2012 u minn dan iz-zwieg twieldet minuri bl-isem ta' VS nhar X;*

2. *Illi mill-imsemmi datat taz-zwieg taghhom bdiet tapplika l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 1316(1) tal-Kodici Civili;*

3. *Illi l-konvenut ghandu l-vizzju ta' xorb u droga;*

4. *Illi filfatt ricentement hija qed tircievi telefonati u informazzjoni minghand terzi persuni li l-konvenut qed jaghmel dejn u ghalhekk l-esponenti tinsab imbezza li hija ser tkun responsabbli ghalih hija;*

5. *Illi tali terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti ghandu jgib beneficcju in*

*kwantu mhux biss jevita li l-ebda parti ma taghmel dejn li tigi attribwita lill-komunjoni izda ukoll tkun tista tirriakkwista id-dritt li taghmel l-atti kollha civili u kummercjali u dan minghajr il-htiega tal-kunsens u jew approvazzjoni jew l-intervent tal-parti l-ohra;*

6. *Illi l-esponenti titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel il-gudizzju finali a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodici Civili, b'dan illi m'hu se jinholoq l-ebda pregudizzju mhux proporzjoinat ghall-konvenut. Illi filfatt tali pregudizzju ser jinholoq jekk il-Komunjoini tal-Akkwisti tibqa ezistenti bejn il-partijiet;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli qorti joghgobha:*

1. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-Ariktolu 55(1) tal-Kodici Civili;*

2. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Salv kull provediment iehor li din l-Onorabbli jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' AS datata 8 ta' Awwissu 2019, li taqra hekk:

1. *Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fi dritt;*

2. *Illi kien l-esponenti stess li kien lest li din l-Onorabbli Qorti tordnah li jsir testijiet sabiex japprova li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti rigward il-vizzju tax-xorb u drogi m'hijix vertiera, u infatti permezz ta digriet datat sbatax (17) ta' Lulju tas-sena kurrenti (Dok A) huwa qieghed jaghmel dawn it-testijiet kull gimgha;*

3. *illi ghandu jigi precizat li a kuntrarju li ghamlet ir-rikorrenti u, l-esponenti qatt m'espona lir-rikorrenti ghal djun;*

4. *Illi l-esponenti qatt ma rcieva telefonati jew gie kkuntatjat minn terzi persuni rigward xi dejn stante li din hija biss fabrikazzjoni maghmula mir-rikorrenti;*

5. *Illi skont l-Artikolu 55 subinciz (4) tal-Kodici Civili, qabel il-Qorti ma tordna l-waqfien tal-komunjoni kif oprovdut f'dan l-artikolu, il-Qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda;*

6. *Illi fl-ewwel lok hemm biza fondata li jekk tigi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti r-rikorenti se taghmel xi xogholijiet fid-dar matrimonjali (fejn hija prezentement qieghda tghix filwaqt li l-esponenti qieghed jghix m'ommu!) li se jghollu l-valur ta' dan il-fond u stante hija tiehu porzjon ingustifikament akbar ladarba jkun hemm ix-xoljiment tal-kommunjoni tal-akkwisti;*

7. *Illi barra minnhekk jekk ser jsiru xi xogholijiet mhux qieghdin jsiru bil-kunsens tal-eponenti li huwa ko-propjetarju tad-dar matrimonjali;*

8. *Illi t-talba tar-rikorrenti sabiex tigi tterminata l-kommunjoni tal-akkwsiti hija biss tattika sabiex l-istess rikorrenti taghmel iktar flus, kif ilha tipprova taghmel mil-bidu. Infatti kien l-esponenti li kellu jitlaq mid-dar matrimonjali minghajr ma kellu post fejn jirrisjedi, minkejja l-fatt li r-rikorrenti ghandha flat parafernali fejn hija setghet marret tirrisjedi, izda hija m'ghamlitx hekk sabiex tkun tista ddahhal renta kull xahar minn dan l-istess fond.*

9. *Illi ghaldaqstant, l-esponenti umilment ma jhossx li jkun opportun li l-komunjoni tal-akkwisti tigi tterminata f'dan l-istadju;*

*Ghaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet rikorrenti minhabba r-ragunijiet moghtija f'din ir-risposta, partikolarment ai termini tal-Artikolu 55(4) minhabba li l-esponenti ser ibat pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-frida.*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

Illi din hija sentenza wara talba magħmula mir-rikorrenti sabiex jiġi ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili. Ir-rikorrenti sostniet li l-intimat għandu vizzju tax-xorb u d-droga, li rċeviet telefonati mingħand terz dwar dejn li qed jirreka l-konvenut, għalhekk qegħda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwsti, billi ppremettiet li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti mhuwiex ser jikkawza ebda preġudizzju mhux proporzjonat għall-konvenut.

Min naħa l-oħra, l-intimat oppona ghal din it-talba billi sostna li huwa qatt ma espona lir-rikorrenti għal djun u qatt ma rċieva telefonati minn terzi dwar djun, inoltre` permezz ta' digriet datat 17 ta' Lulju 2019 huwa qiegħed jagħmel testijiet kull ġimgħa sabiex jipprova li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti dwar xorb u droga huma allegazzjonijiet. Huwa oppona wkoll għat-talba odjerna peress li qiegħed jibża li jekk tiġi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti, ir-rikorrenti ser tagħmel xogħol fid-dar matrimonjali mingħajr il-kunsens tiegħu li ser jgħollu l-valur tad-dar.

**Ikkonsidrat;**

Jingħad fl-ewwel lok, li l-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħti l-fakolta sabiex f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. L-artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

> *(1)* "***Il-Qorti tista, f'kull zmien matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin***."

Skont is-subinċiż (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni għandha tingħata b'sentenza u skont is-subinċiż (3) l-ordni tal-waqfien tkun tgħodd minn meta s-sentenza tgħaddi in ġudikat.

Din il-Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati

preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan ai termini tal-Artikolu 55(4) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula :

***(4)*** “***Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provvdut f'dan l-artikolu, il-Qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda***.”

Eżami tas-subinċiż tal-artikolu (4) tal-artikolu 55 juri li mhux kull preġudizzju li tista tivvanta xi parti b'oppożizzjoni għal sentenza *in parte* għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Fil-fatt is-subinċiż (4) tal-artikolu 55 hawn fuq ċitat jipprovdi li l-Qorti għandha tipronunzja x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat". (Ara **Jael Cassar vs Robert Cassar**, 212/2009/2 (RGM) deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta' Diċembru 2013).

Għalhekk, bħala regola jinkombi fuq il-konvenut li jkun qed jopponi t-talba tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, li jipprova sodisfaċentement li x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ser iġib miegħu preġudizzju mhux proporzjonat, u dan ai termini tal-prinċipju stabbilit fil-ġursiprudenza tagħna li min jallega irid jipprova, għalhekk l-oneru tal-prova *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.[1]

F'dan il-kuntest, fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2014 ġie kkonfermat:

"***In tema legali jingħad illi l-Artikolu 55 tal-Kap 16 li fuqha hija bbażata t-talba attriċi, jagħti l-fakolta` lil parti jew oħra li f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata li tkun teżisti bejn il-konjuġi....t-talba għal waqfien m'għandhiex tingħata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre`, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwiżit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-prinċipju incumbit ei qui dicit non ei qui negat***."

Is-subinċiż (6) tal-istess artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi wkoll li meta l-Qorti fid-

[1] Ara Joseph Zammit vs Joseph Hili Vol XXXVII-I-578.

diskrezzjoni tagħha ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni fil-bidu tal-kawża tal-firda, dan għandha tagħmlu mill-jum li s-sentenza tal-firda tkun finali u konklussiva.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015, ingħad:

> ***"....il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma' jista jkun ta' ebda preġudizzju għas-sehem tal-attriċi mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, għax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi għall-futur u mhux għal dawk l-assi li diġa daħlu u qegħdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici***".

Fil-każ odjern, il-Qorti rat li r-raġuni prinċipali għaliex il-konvenut qiegħed jopponi għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huwa għaliex skont hu, ir-rikorrenti ser tagħmel xi benefikati fid-dar matrimonjali mingħajr il-kunsens tiegħu, u huwa ko-proprjetarju tal-istess dar matrimonjali, b'hekk ikun hemm biża li sehmu ma jiġix ritornat lilu peress li s-sehem ta' kull parti mill-komunjoni tal-akkwisti għadu ma ġiex iċċarat.

Għalkemm il-konvenut qed joġġezzjona għal din it-talba, mill-provi prodotti ma jirriżulta l-ebda preġudizzju li hu jista' jsofri bl-għoti ta' din l-ordni. Jiġi osservat, li l-konvenut qed jopponi għax ipotetikament qed jallega li r-rikorrenti tista' tagħmel xogħolijiet fid-dar matrimonjali li jistgħu **jgħollu l-valur tal-fond**, b'mod li hija tieħu porzjoni akbar. Madankollu, dan l-argument mhuwiex sostnut bl-ebda mod bil-provi, anzi huwa biss argument ipotetiku. Għaldaqstant, fil-karenza ta' din il-prova, il-Qorti ma tarax li jibqa' bażi għall-kontestazzjoni tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

Għall-kuntrarju, huwa fl-interess taż-żewġ partijiet illi ma jgħabbux il-komunjoni bi djun mingħajr il-konsapevolezza tal-parti l-oħra. Kif ribadit mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-każ suċitat **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**,[2] it-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser iġib benefiċċju inkwantu jevita li xi parti jew oħra tagħmel xi dejn li l' quddiem ikun jista' jiġi imputat lill-komunjoni.

Referibbilment għall-provi miġjuba dwar pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet, dawn ċertament ma jimpinġux fuq din is-sentenza *in parte*, f'dan l-istadju tal-proċeduri.

---

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-28 ta' Marzu 2014 (257/2011/1)

Konsegwentement, il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi milqugħa b'mod li tiddikjara l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-kontendenti ai termini tal-artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, u tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ai termini tal-artikolu 55(5) tal-Kodiċi Ċivili.**

**L-ispejjez ta' din is-sentenza in parte huma riservati għall-ġudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**